MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 487/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
v

**NAZZARENO BUHAGIAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NAZZARENO BUHAGIAR** ta' disgha w ghoxrin sena bin Joseph u Vincenza nee Baldacchino, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' Ottubru 1970 u residenti 'Freddie Helly', Flat 2, Notabile Road, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 442470M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-hamsa ta' Lulju 2001u fis-snin ta' qabel fuq il-Monti tal-Belt Valletta, Floriana, Imriehel, B'Kara u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet

differenti li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe diversi videos u CD's;
2. Talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe diversi videos u CD's bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation us socjetajiet ohra li taghhom Dottor Patrick Galea LL D u/jew socjetajiet ohra huma rappresentati, protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta;
3. Talli nhar s-sebgha ta' Frar 1999 gewwa l-Belt Valletta jew Floriana ittanta li jhajjar lil WPS 102 R. Magro u PC 349 J. Farrugia ufficjali jew impjegati pubblici, sabiex jaghtihom jew jaccettaw ghalihom jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utili iehor jew ta' vantagg iehor, liema delitt ma giex esegwit minhgabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tal-hati;
4. Talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fis-sitta w ghoxrin ta' Jannar 1998 liema sentenza hija definittiva; u
5. Talli kiser sentenza sospiza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 1998 liema sentenza hija definittiva.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Frar 2002 a fol 28 tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara waqt l-ezami li sarlu mill-Qorti nhar t-tmintax ta' Frar 2002 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li

m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.
Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmintax ta' Frar 2002 **xehed l-Ispettur Martin Sammut** li qal li huwa kien ta struzzjonijiet lil PC 617 u lil PC 494 sabiex jaghmlu spezzjoni fuq il-Monti tal-Belt Valletta ghal xi videos u CD's u loghob tal-playstation li jistghu jkunu falsifikati minn fuq l-istall tal-imputat u waqt spezzjoni li saret nhar l-ghaxra ta' Ottubru 1998 gew elevati mitejn u ghaxar CD's tal-loghob tal-playstation u tmien videos tal-isem Titanic, peress li fil-fehma tal-Pulizija dehru foloz. Fid-disgha ta' Frar 1999 saret spezzjoni ohra fuq l-istall tal-imputat u gew elevati mija erbgha w tletin video u mija tnejn u hamsin CD tal-muzika. Il-Pulizija li ghamlu din l-ispezzjoni u cioe WPS 102 Ruth Magro u PC 349 John Farrugia, irrappurtawlu li waqt l-ispezzjoni l-imputat kien offrilhom flus biex ma jehdux passi kontrih. Huwa esibixxa zewg kwereli ta' Dottor Patrick Galea ghan-nom ta' diversi kumpaniji esteri, liema zewg kwereli huma datati tlettax ta' Ottubru 1998 u tnax ta' Jannar 1999. Huwa esibixxa wkoll fis-seduta tal-hamsa ta' Marzu 2002, il-videos u CD's mertu ta' din l-kawza li gew immarkati bhala dokumenti MS 1 u MS 2, MS 3 u MS 4.

**PS 349 John Farrugia xehed** nhar t-tmintax ta' Frar 2002 fejn spjiega kif nhar s-sebgha ta' Frar 1999, huwa, flimkien ma xi Ufficjali ohra tal-Pulizija, fuq struzzjonijiet moghija lilu mill-Ispettur Martin Sammut, mar fuq il-Monti u ghamel rejd u minn fuq l-istall tal-imputat gew elevati diversi CD's pero jghid li l-imputat pogga xi flus fil-borza tal-karti, ghamilha ponn u qal "*Hawn Sir, dawn ghalikom fil-borza, ha nitfaghhom mal-art u wara igborhom u aqsmuhom bejnietkom u hudu drink*." Mistoqsi jekk rax kemm kien hemm flus ix-xhud wiegeb fin-negattiv u di piu mistoqsi ghalfejn tahomlhom, ix-xhud wiegeb li kien qalilhom sabiex jiehdu drink bihom.

**PC 1186 Silvio Damato xehed** nhar l-hamsa ta' Marzu 2002 fejn spjiega li fil-hamsa ta' Lulju 2001, flimkien ma PS 494 u xi Ufficjali tad-Dwana mar jaghmel spezzjoni fuq

ordni tal-Ispettur Martin Sammut fir-residenza tal-imputat u s-search li saret hemmhekk irrizultat fin-negattiv izda imbaghad l-imputat akkumpanjhom fil-garaxx fejn jzomm l-karru li bih jarma fuq il-Monti u minn hemmhekk gew elevati numru sostanzjali ta' CD's li fil-fehma taghhom ma kienux originali.

PC 340 John Farrugia gharaf s-CD's esibiti l-Qorti markati bhala dokumenti MS 3 u MS 4 bhala dawk li gew elevati minnu u minn WPS 102 Ruth Magro nhar s-sebgha ta' Frar 1999 minn fuq l-istall tal-imptuat waqt li kien armat fuq il-Monti.

**WPS 102 Ruth Magro xehdet** nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2003 fejn spjiegat li nhar s-sebgha ta' Frar 1999, waqt li kienet ghadha stazzjonata d-Drug Squad, kellha struzzjonijiet sabiex tmur fuq il-Monti u taghmel rejd biex tara jekk issibx videos jew CD's li ma kienux originali. Hija spjiegat li t-tilar tal-imputat kien mimli videos ta' dan t-tip u ghalhekk ordnatlu sabiex jippakkja kollox u li kienet ser tiehdu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u tghaddihom lis-sezzjoni tal-Frodi. L-imputat mar b'envelopp fuqha, ghaffgu, tefghu mal-art u qalilha biex tigbru. Hija ordnat lil imputat biex jigbru u jifthu u go fih kien hemm mazz flus. Mistoqsija kemm kien hemm flus din ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf pero taf li poggihom lura fil-cash. Mistoqsija ghaliex ghamlet hekk, din ix-xhud wiegbet li ma tafx ghalkemm hemizha u qalilha biex tigbru.

Fl-ghaxra ta' Marzu 2003, Dottor Patrick Galea iddikjara li ma kienx qed jinsisti fuq il-kwereli tieghu esibiti u dan ghaliex mal-mandati tieghu ma baghatx d-dokumenti rikjesti in sostenn ta' tali kwereli tieghu.

Illi nhar l-hamsa ta' Marzu 2002 il-Qorti diversament preseduta kienet innominat lil Martin Bajjada bhala espert tekniku sabiex jezamina s-CD's u l-videos esibiti l-Qorti bil-ghan li jistabilixxi x'tip huma u jekk humiex konformi ma prodott originali, u dan in konformi mal-artikolu 650(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2002 deher Martin Bajjada u ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument MB kif jirrizulta a fol 55 tal-atti odjerni. Illi minn ezami tal-istess mill-analizi li ghamel tas-sebgha mija erbgha w erbghin compact diskettes jirrizulta li:

a. tmienja minnhom jewel cases vojta;

b. hames mija sitta w ghoxrin huma audio compact diskettes;

c. mija sitta w sebghin huma games tat-tip playstation players, Sega u PC;

d. erbgha compact diskettes huma video compact diskettes VCD's;

e. ghaxra huma computer software fil-maggoranza tal-kumpanija Microsoft Corporation.

Illi fil-fehma esperta mis-sebgha mija sitta w tletin compasct diskettes, erbgha mija erbgha w ghoxrin huma *burnt*, filwaqt li tlett mija u tnax huma *pressed*.

Illi l-imputat ma xehedx pero rrilaxxja tlett stqarrijiet skond l-ligi u cioe wahda datata tlettax ta' Ottubru 1998, esibita a fol 17 tal-atti, ohra fit-tmienja ta' Frar 1999 esibita a fol 18 tal-atti u ohra fil-hamsa ta' April 2001esibita a fol 23 tal-atti.

Fl-ewwel zewg stqarrijiet, **l-imputat** ma wiegeb ghal ebda domanda u ghalhekk tali stqarrijiet ma jikkostitwixxu ebda xhieda pero fit-tielet stqarrija, l-imputat ghogbu jirrispondi ghal domandi li sarulu u fil-fatt cahad li qatt importa xi compact diskettes jew videos u meta gie mistoqsi dwar il-provenjenza tas-CD's li sabu l-Pulizija fil-pussess tieghu huwa qal; li kien xtrahom minghand diversi nies pero kien xoghol antik u li ma kienux ghal bejgh.

Il-Qorti ghalhekk sejra issa tezamina r-reati moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat b'mod individwali.

Il-Qorti pero ser l-ewwel tezamina t-tieni akkuza moghtija fil-konfront tal-imputat u cioe dawk kontemplati fl-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*"Kull min, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, jistampa, jimmanufattura, jidduplika jew mod iehor jirriproduci jew jikkopja, jew jbiegh, jqassam, jew mod iehor joffri ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha…"*

U l-proviso ta' dan l-istess artikolu jipprovdi is-segwenti:

*"Procedimenti taht dan l-artikolu ma jistghux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza."*

Illi ghalhekk il-kwerela tal-parti offiza hi dejjem u fi kwalunkwe kaz mehtiega. Bil-kelma "parti offiza" [jew parti leza] wiehed ghandu jifhem mhux semplicement kull min ghandu xi interess li r-reat de quo jigi skopert u/jew punit, jew kull persuna li jkollha dritt taghmel kawza civili ghad-danni minhabba dak l-fatt kriminuz, izda l-persuna direttament w immedjatament milquta bil-fatt in kwistjoni.

Fi kliem iehor, il-persuna *offiza b'reat* fis-sens tal-artikolu 538 ma hiex kull persuna li tista talvolta tipprocedi ghad-danni civili, izda l-persuna li l-interess taghha qieghed jigi specifikament u direttament protett bid-disposizzjoni partikolari.

Fi kliem ***Giovanna Ichino***, fil-monografu **taghha La Parte Civile nel Process Penale - la legittimazione** [Cedam, Padova 1989]

*"Per persona offesa dal reato deva intendersi il titolare dell'intereso specificatamente tutelato dalla norma incriminatrice penale la cui lesione ad esposizione al periodo costituisce l'essenza del reato. Tanti possona essere gli interessi pregiudicanti solo in via eventuale dalla condotta antigiuridco, uno pero deve essere offeso necessariamente perche posso sussistere il reato e tale*

*interesse costituisce il bene giuridico protetto dalla norma penale."*

Fil-kaz in dezamina ma hemmx dubbju li parti leza hija l-persuna li l-jeddijiet taghha li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur [Rights of Copyright] ikunu qed jigu vjolati. Jekk f'dan il-kaz kien hemm xi rights of copyright li kienu qed jigu vjolati, il-parti leza kienu is-socjetajiet esteri PolyGram International Music NV, Sony Music International, l-BMG International, EMI Music International Services Limited, Warner Music International.

Issa f'dan il-kaz il-mandati ma tawx prokura lil Dottor Patrick Galea u ghalhekk qatt ma giet esibita fl-atti tal-kawza la mill-Pulizija Ezekuttiva u lanqas mill-parte civile Dottor Patrick Galea. L-ittri mibghuta lil Kummissarju tal-Pulizija fit-tlettax ta' Ottubru 1998 u fit-tnax ta' Jannar 1999 jghidu li Dottor Patrick Galea kien qed jagixxi bhala Special Attorney tas-socjetajiet esteri tal-musika imsemmija f'dawn l-istess ittri pero prova ta' dan l-ispecial attorney, ma tirrizultax mill-atti, u ghalhekk stante li ma hemmx prokura fl-atti, l-Qorti tiddikjara li ma tistax issib lil imputat hati ta' din t-tieni akkuza.

Issa dwar l-ewwel akkuza kif moghtija mill-Prosekuzzjoni, din kienet tikkoncerna qerq fil-kummerc u ndustrija kif propost fl-artikolu 298(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:

*" <u>Xjentement</u> qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe diversi videos u CD's."*

Illi ma hemmx dubbju u dan ghaliex mhux kontestat li l-imputat kellu fil-pussess tieghu in-numru ta' DVD's u CD's esibiti l-Qorti. Il-kontestazzjoni li ghamlet d-Difiza hija dwar il-prova tal-identifikazzjoni taghhom fis-sens jekk humiex origianli jew kopji.

Illi d-Difiza rrilevat li min imkien ma jirrizulta ma x'hiex gew komparati id-DVD's u CD's esibiti fl-atti biex gew analizzati

mill-espert. L-espert jghid biss li dawn huma *pirated* u cioe mhux konformi ma dak l-original. Illi mill-atti ma jirrizultax x'inhu l-original u ghalhekk il-Qorti tifhem il-linja tad-Difiza li tali komparazzjoni ma ssodisfatx l-vot tal-ligi. Illi n-nuqqasijiet li allura ghandhom d-dokumenti esibiti ma gewx identifikati. Fil-fatt fil-lista ta' dokumenti esibiti jirrizulta li fost il-vidoes kien hemm whud li fil-fehma tieghu, kienu originali bhal per ezempju il-video tat-Teletubbies [fol 108] jew A Tale of Two Cities [fol 109] pero x'differenzi kien hemm bejn dawn z-zewg videos mal-ohrajn ma jirrizultax minn ezami tal-atti u fil-konkluzzjoni tal-espert ma hemm ebda referenza ghal dawn il-videos originali li nstabu.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tilqa d-difiza tal-imputat dwar din l-istess akkuza u tiddikjara li ma gietx ppruvata bl-ahjar mod u ghalhekk ma hiex qed tabbraccja r-rapport tal-espert nominat minnha peress li fil-fehma taghha, dan r-rapport huwa nkonklussiv u ma jwassalx lil Qorti sabiex tiddecidi sal-grad rikjest mill-ligi dwsar il-veracita o meno tad-dokumenti esibiti, konsegwentement thoss li mhiex marbuta li toqghod ghal fehma tal-perit kontra l-perswazjoni taghha kif previst fl-artikolu 656 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-tielet akkuza tikkoncerna l-korruzzjoni ta' Ufficjal Pubbliku kif kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigal je wweghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor…"*

Illi in effetti, l-kuncett baziku sottolineat hu li tingheleb severament l-vendita mill-ufficjal pubbliku li fl-esekuzzjoni tad-doveri tieghu jaccetta remunerazzjoni illecita u ma hiex lilu dovuta, u dan ghaliex hu fl-interess generali li hadd ma jirreka diskreditu jew suspett fuq l-amministrazzjoni pubblika, liema amministrazzjoni ghandha taghti l-obbligi taghha gratuwitament.

Skond ix-xhieda moghtija mill-Ufficjali tal-Pulizija, l-imputat pogga xi karti ta' flus go borza tal-karti, ghaffigha, tefghha mal-art u qalilhom biex jigbruha u jixtru drink. Illi WPS 102 Ruth Magro tghid li ordnat lil imputat jibgor l-borza u effettivament hekk ghamel u reggha pogga l-flus mal-cash li kellu.

Huwa minnu li l-Pulizija ma kienux jafu kemm kien hemm flus fil-borza pero kif jghid **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano*** - Vol II - pg. 208:

*"Ne si puo fare distinzione se lo utilita data o promesso sia grande o piccola."*

Fil-fatt l-awtur Taljan **Pessina** fil-ktieb tieghu ***Elementi di Diritto Penale*** - Vol III - pg. 63 jghid illi meta ssir referenza ghal flus jew utili iehor:

*"Non vi e' bisogno che il provato interesse del pubbllico ufficciale nella corruzione sia sempre pecuniario; <u>basta</u> l'appogamento di un desiderio qualunque, <u>di un bisogno sia diretto e personale sia indiretto</u>."*

Illi ma hemmx dubbju li l-imputat b'dak li ghamel u cioe li offra l-flus lil ufficjali pubblici, ghamlu ghaliex xtaq li ma jittiehdux passi kriminali kontra tieghu. Illi l-imputat fl-ebda stadju tal-process ma jichad din l-allegazzjoni maghmula fil-konfront tieghu u ghalhekk stante li tali xhieda ma gewx kontradetti, il-Qorti sejra taccetta l-fatti kif esposti mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Illi ma hemmx dubbju li tali offerta saret lil ufficjali in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom. Illi pero ma jirrizultax li l-Ufficjali accettaw tali flus u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti hemm biss t-tentattiv ta' dan r-reat ghaliex r-reat jigi kriminuz appena l-ufficjal jaccetta l-offerta u f'dan il-kaz, ma kienx hemm accettazzjoni.

Dwar r-raba akkuza u cioe dik ta' recidiva, il-Qorti rat s-sentenza esibita fl-atti mill-Prosekuzzjoni nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2003 [dokument CSH a fol 147 tal-atti odjerni] liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti

ta' Gudikatura Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 1998 fil-konfront ta' Reno Buhagiar. Illi d-Difiza ezentat lil Prosekuzzjoni mill-htiega tal-identita ta' diin s-sentenza u ghalhekk trali akkuza tirrizulta wkoll ppruvata.

Il-Qorti hija sprovvista minn fedina penali tal-imputat u ghalhekk l-uniku kaz li l-Qorti taf li l-imputat kellu huwa dak kif jirrizulta mis-sentenza esibita fl-atti bhala dokument CSH.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 298B(1), 298(1)(f), 115, 120 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ssib lil imputat NAZZARENO BUHAGIAR hati ta' attentat ta' korruzzjoni ta' Ufficjal Pubbliku u talli huwa recidiv u mhux hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tilliberah minnhom.**

**Dwar il-piena idoneja ghaz-zewg akkuzi li taghhom sabitu hati u cioe attentat ta' korruzzjoni ta' Ufficjal Pubbliku u recidiva, il-Qorti ma thossx li ghandha timponi piena karcerarja u ghalhekk tikkundannah ghal hlas ta' multa massima permessa mill-ligi ta' hames mitt lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------